Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru : **6** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 21 ta' Jannar 2010 fis-6.00pm.**

# *It-Tielet Seduta*

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużat** | Is-Sur George Farrugia |

## *Aġenda*

1. Mozzjonijiet.
2. Aġġudikazzjoni tat-Tender MLC 2009/06 – Supply & Installation of Litter Bins and Benches.
1. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Acting Executive Secretary
**Josef Grech**

## 1.0 ***Introduzzjoni***

1.1 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa u qal illi b'ħajr għad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali il-problema li kien qiegħed jiffaċja l-Kunsill, li bdiet fis-26 ta' Novembru 2009 fil-konfront tal-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana, issa ġiet riżolta billi id-Dipartiment issostitwixxa l-istess Joseph Caruana b'Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech illi kien qiegħed imexxi il-laqgħa preżenti.

Beda biex jispjega minn x'hiex kien għadda l-Kunsill meta s-Sindku kien għamel mozzjoni biex tiżdied skrivana isfel minħabba il-volum ta' xogħol li kien hemm u li persuna waħda ma setgħetex tlaħħaq. Kompla biex jgħid li l-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana kien saħaq illi huwa kien responsabbli ta' l-amministrazzjoni u l-Kunsill ma kellux d-dritt li jindaħal. Wara din id-diskussjoni s-Segretarju Eżekuttiv kien qabad u telaq il-barra.

Is-Sindku kompla biex jgħid illi wara l-aġir ta' l-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana, l-Kunsill kien għamel mozzjoni sabiex jitlob it-trasferiment tiegħu. Hu kompla jispjega illi fil-laqgħa numru 6 ta' nhar il-15 ta' Diċembru 2010 hekk kif bdew il-laqgħa u waslu għal-mozzjoni nru 117 li kienet tirrigwarda t-trasferiment ta l-istess Segretarju Eżekuttiv, dan fuq direttiva tal-UHM ħareġ ittra li kienet tgħid biex ma jipparteċipax fl-ebda diskussjoni f'dan ir-rigward, u minħabba f'hekk il-laqgħa kienet spiċċat ħesrem minħabba illi l-ex Segretarju kien għal darba oħra ħareġ il-barra.

Reġgħet saret kontinwazzjoni tal-laqgħa nhar it-22 ta' Diċembru 2009 u kif ġew biex jiddiskutu l-istess mozzjoni l-ex Segretarju Eżekettiv reġgħa ħareġ il-barra.

Is-Sindku kompla biex jgħid li l-Kunsill ma setgħax jibqa sejjer hekk u għaldaqstant talab l-għajnuna tad-Dipartiment. Kien fil-15 ta' Jannar 2010 illi s-Sindku kien infurmat permezz ta' e mail mid-Dipartiment illi s-Segretarju Eżekuttiv kien ser jiġi trasferit għall-Kunsill Lokali ta' Bormla. Ġie nfurmat ukoll mid-Dipartiment illi mit-18 ta' Jannar 2010 kien ser ikollna Aġent Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsill Lokali ta' Sliema, s-Sur Josef Grech.

Is-Sindku temm id-diskors billi ta' l-awguri tiegħu lill-Kunsilliera sabiex jkomplu bix-xogħol tagħhom issa li l-sitwazzjoni ġewwa l-Kunsill tagħna ġiet għan-normal.

## 2.0 ***Mozzjonijiet:***

### 2.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur George Farrugia (#114- 13/10/09):</u>**

"*Jipproponi sabiex issir zebra crossing quddiem il-Museum tas-subbien fi Triq La Sengle".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax kient tressqet diġa l-ADT

### 2.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#117-16/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jirriżolvi li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana għandu jiġi sospiż minnufih mil-qadi ta' dmirijietu f'dan il-Lokal u nitlob id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għat-trasferiment immedjat tiegħu għal xi lokal ieħor.*

*Qiegħed nitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill rigward din ir-riżoluzzjoni għar-raġunijiet elenkati hawn taħt:*

1. *Is-Sur Caruana waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2009 wera s-solitu diżrispett tiegħu kemm lejn is-Sindku u kemm lejn il-Kunsilliera l-oħra preżenti;*
2. *Assolutament ma jridx jammetti w jaċċetta li l-politika tal-Kunsill ifassalha l-istess Kunsill u li hu fid-dmir li jsegwi dak li l-Kunsill jordnalu wara deċiżjoni li jkun ha:*
3. *Fl-istess seduta ġiet approvata mozzjoni fejn tirrikmanda li wara r-reception desk biex jinqdew ir-residenti ma tibqax skrivana waħda għax impossibli li tlaħħaq mal-volum ta' xogħol li jkollha u tiżdied oħra, iżda s-Segretarju insista li hu l-amministratur assolut tal-istaff u li ħadd ma jindaħallu fit-tqassim tiegħu, meta fil-fatt ħadd ma qal li hu mhux responsabbli għall-amministrazzjoni iżda tfasslet politika li jinqdew aħjar iċ-ċittadini li hu irrifjuta li jesegwi;*
4. *Waqt is-seduta ma riedx joqgħod bil-qegħda u beda iqum u joqgħod bi skop li jħarbat is-seduta;*
5. *L-aġir tiegħu u kliemu kienu arroganti u skifuż, kif ukoll insolenti lejn il-persuna tas-Sindku;*

- *Wera bil-fatti li hu insubbordinat u indixxiplinat meta qabad u telaq il-barra mis-seduta u meta ġie ordnat biex jirritorna ma ta` każ ħadd u baqa tiela fl-ufficċju tiegħu bil-karti u wara baqa niżel u telaq il-barra meta aħna il-Kunsilliera kullħadd baqa` postu. Kullħadd qallu li l-laqgħa ma` kinietx magħluqa:*
- *Qabel it-tluq bla permess tiegħu mis-seduta reġa sklama li kien hu li jikkmanda u għalhekk ġie sospiż dak il-ħin;*
- *Ebda Kunsill, ebda organizazzjoni ma tista tiffunzjona u tipprogressa meta r-ras eżekuttiva minflok tikkopera u tistinka, tfettaq fuq il-punt u l-virgola, tfixkel, tagħti l-gambetti u titrama biex jiġġamja kollox.*
- *Il-Kunsill huwa deċiż li jkollu Segretarju Ezekuttiv ħabrieki, koperattiv, ġentili, komunikattiv u li jimpurtah mill-ġid tal-lokal u tar-residenti tiegħu.*

*Il-Kunsill Lokali jistenna risposta immedjata mid-Dipartiment tal-Kunsilli fis-sens li jirtira lis-Sur Caruana mill-kariga preżenti tiegħu ħalli jibdew il-proċeduri għall-impjieg ta' Segretarju Eżekuttiv li jgħin lill-istess Kunsill u mhux ifixklu u jħarbtu".*

Is-Sindku wara li ikkonsulta is-sekondant tal-mozzjoni l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri talab illi din il-mozzjoni tiġi irtirata minħabba li s-sitwazzjoni ġiet riżolta.

2.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B.Camilleri (#118-20/10/09):**

*"Jipproponi sabiex ngħamlu d-dawl kif meħtieġ fiz-zebra crossing ta' Triq ix-Xatt ta' ħdejn il-Brighton Take Away.*

Il-Kunsillier s-Sur John.B Camilleri spjega illi għanda napplikaw lill-UIF rigward ix-xogħol.

Il-Kunsill approva sabiex ngħidu l-Perit japplika għall-fondi tal-UIF

2.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B.Camilleri (#119-20/10/09):**

*"Jipproponi sabiex ngħamlu d-dawl kif meħtieġ fiz-zebra crossing ta' Triq is-Salini" kollha.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa dwar l-effiċjenza tal-bozzoz tal-*Belishia Lights.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kien ser jindaga dwar il-bozzoz tal-*belishia lights* li hemm fi Triq is-Salini.

Il-Kunsill approva sabiex ngħidu l-Perit japplika għall-fondi tal-UIF

2.5 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#120-21/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir zebra crossing fi Triq il-Qaliet viċin Villa Sant'Anna peress illi t-triq hija ta' periklu għat-tfal ta' l-iskola".*

Il-Kunsill approva sabiex issir bid-dawl b'kollox.

2.6 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#121-23/10/09);</u>**

*"Jipproponi sabiex ninstallaw meter tad-dawl fil-librerija pubblika tagħna".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega illi l-unika soluzzjoni hija li nġibu meter.

Il-Kunsill approva unanimament.

2.7 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#122-23/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu wiċċ ġdid lill-passaġġ li jeżisti bejn Triq il-Maħsel u Triq il-Qaliet".*

Il-Kunsill approva illi issir bil-*crete print* u napplikaw għall-fondi tal-UIF.

2.8 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#123-27/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex malajr kemm jistgħa jkun jiġi irinfurzat taħt it-taraġ tar-Ridott jiġiefieri l-Għassa tal-Puluzija n-naħa t-isfel għax qiegħed ta' periklu u jistgħa jisvara".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri rramarka illi hemm ħofra kbira u l-ħaddiema ta' l-IPSL jistgħu jagħmluha huma.

Il-Kunsill approva unanimament.

2.9 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#124-27/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex jiġi irranġat taħt il-ħajt tal-Promenade ta' Żonqor bejn it-taraġ u l bajda u s-sewda peress li qiegħed jisvara u jistgħa jaqa għal isfel".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal biex niktbu lis-Sur Oliver Farrugia ta' l-MTA minħabba l-fatt li tistgħa ma tkunx responsabilita` tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament

2.10 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#125-27/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex jiġu ordnati żewġ tabelli biex ma` jgħaddux heavy vehicles minn Triq Patri Wistin Born. Din triq dejqa u l-ġirien għamlu ftit konkos peress li għada mhux mibnija. Jekk jgħaddu trakkijiet minn fuqha ikissrilhom l-konkos."*

Is-Sindku qal illi l-konkos diġa sar.

Il-Kunsill approva sabiex isiru dawn it-tabelli

2.11 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#126-4/11/09):**

*"Jipproponi sabiex l-area mmarkata bħala junction box fuq is-simenta ta' faċċata s-Summer Nights tiwaħħal tabella tow zone minħabba li ħafna drabi qed tkun mimlija bil-karozzi u n-nies anke bil-pushchairs qed ikollom jgħaddu min-nofs it-triq f'periklu kbir".*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fil-fehma tiegħu ikun aħjar jekk ma jidħlux il-vetturi, kompla jgħid sabiex isiru l-*parking bays* biex ma jkunx hemm ostakulazzjoni.

Il-Kunsill approva sabiex napplikaw lill-ADT għat-tabelli tat-*tow zone* u sadanittant inwaħħlu tabella *Do Not Obstruct Passegway.*

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni.

2.12 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt (#127-4/11/09):**

*"Jipproponi sabiex jsiru l-parking bays fi Triq ix-Xnejn l-Abjad".*

Il-Kunsill approva sabiex nagħmlu lista tat-toroq u ngħamlu żewġ toroq fix-xahar li m'għandhomx *parking bays*.

2.13 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#128-5/11/09):**

*"Jipproponi sabiex issir crash barrier flok il-pajpijiet U shape li hemm fi Triq ix-Xmiel kantuniera ma Triq il-Qaliet".*

Il-Kunsill approva unanimament

2.14 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#129-10/11/09):**

*"Jipproponi sabiex ikollna linja diretta tat-telefon mhux imqabbad mas-sistema minħabba li meta jinqata d-dawl ma jkollniex linja tat-telefon".*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.15 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#130-12/11/09):**

*"Tipproponi sabiex jinxtara kompjuter u aċċessorji li hemm bżonn sabiex it-tlett skrivani jkollhom wieħed kull wieħed ħa jkunu jistgħu jaħdmu fuqhom il-ġurnata kollha."*

Is-Sindku qali li nxtara laptop għal użu ta'l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, qal ukoll li se jinxtraw telefon lis-staff u *chordless* għas-Sindku. Il-linja tal-*mobile* tal-Kunsill jrid jkollha in-numru jidher.

Il-Kunsill qabel sabiex jinxtara dak li hemm bżonn.

2.16 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#131-12/11/09):**

*"Jipproponi sabiex il-karozzi tal-linja għal l-isptar Mater Dei jibdew jinżlu Marsaskala qabel ma jkomplu bir-rotta ta' Ħaż Żabbar biex taqgħdi ukoll in-nies numerużi ta' Marsaskala. Barra min hekk is-sistema bħalissa mhux qed tagħti aċċess lir-residenti ta' Marsaskala sabiex ikollhom transport lura dirett mill-isptar".*

Il-Kunsill approva sabiex nibgħatu reminder lill-ADT.

2.17 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#132-13/11/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir bus shelter fil-bus stop eżistenti fi Triq il-Qaliet, faċċata ta' Triq il-Ħamrija".*

Is-Sindku qal li l-art hija privata. Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qali li konna se nwaħħlu wieħed li nqala.

Din il-mozzjoni ġiet irtirata minħabba li l-art hija privata.

2.18 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#133-13/11/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex isiru parking bays fi Triq il-Qaliet, fil-parti minn fejn Triq San Franġisk sa fejn Triq il-Lampuka".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.19 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#134-13/11/09) :</u>**

*"Jipproponi sabiex t-tieni trip tas-servizz tal-ġbir tal-iskart li jsir fil-Ħdud ta' bejn Ġunju u Settembru, fejn isir it-tbattil ta' l-iskips u l-bins kollha tal-lokalita', jiġi estiż anki għall-Ħdud tax-xhur tax-Xitwa. Dan minħabba l-fatt li jekk l-iskips u l-bins il-Ħadd jitbattlu darba filgħodu kmieni biss, wara nofsinhar u filgħaxija jispiċċaw mimlijin b'madwarhom ukoll".*

Din il-mozzjoni fil-preżent qiedgħa titwettaq, minħabba li kient ġiet approvata diġa fis-seduta nru 6 ta l-15 ta' Diċembru 2009.

2.20 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#135-3/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir patching bil-hot asphalt fi Triq id-Daħla ta' San Tumas kollha".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li t-triq ilha li saret seba` snin ilu. It-triq tibda mill-konfini tagħna sa ħdejn ir-Re Del Pesce.

Is-Sindku qal li mar mal-kuntrattur u se nonfqu sa €1165 bħala *direct order.*

Il-Kunsill approva unanimament u approva ukoll sabiex niktbu lill-PADA ħalli bi qbil bejn iż-żewġ partijiet l-kuntratt jiġi terminat.

2.21 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#136-3/12/09) :</u>**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill Lokali jibda jaħdem mal-Kunsill tal-Iskola Primarja sabiex jitfassal pjan li jippermetti li dawk it-tfal li jkollhom il-ġenituri li jkunu jaħdmu it-tnejn u għalhekk ġieli ma jkollhomx min jilqagħhom id-dar, dawn ikunu jistgħu jibqgħu ġo l-iskola. Waqt dan il-ħin huma jkunu jistgħu jagħmlu il-Homework u dak ix-xogħol relatat ma' l-iskola. Waqt dan il-ħin jkunu għalliema stess li jibqgħu magħhom u jasistuhom fix-xogħol tagħhom. L-għalliema jkunu fuq bazi volontarja jiġifieri min jixtieq, din tkun skond il-bżonn u bil-ħlas ġustifikat. Dan il-ħlas jistgħa jiġi min xi forma ta' fondi mill-EU jew mill-istess ġenituri li jridu jipparteċipaw fiha.*

*Din il-mozzjoni qiegħed inressaqa ħabba li fil-lokal tagħna dejjem qiegħdin jiżdiedu in-numru ta' familji li jkollhom it-tfal u jkunu jaħdmu fuq bażi full-time".*

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi qegħdin isiru proġetti pilota u jekk jirnexxu jiġu introdotti fil-lokalitajiet.

Il-Kunsill approva sabiex niktbu ittra lill-Education.

2.22 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#137-7/12/09):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq id-Dolmen kantuniera ma' Triq ix-Xmiel man-naħa tal-lemin".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata

2.23 **Mozzjoni mressqa mill--Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (# 138-7/12/09) :**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn mingħajr pole fi Triq is-Silla kantuniera ma' Triq it-Tiben man-naħa tax-xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.23 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#139-7/12/09) :**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn mingħajr pole fi Triq is-Sliem kantuniera ma' Triq Patri Wistin Born man-naħa tax-xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

2.24 **Mozzjoni mressqa mill--Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#140-7/12/09) :**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq is-Sliem kantuniera ma' Triq il-Miklem Malti man-naħa tal-lemin".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.25 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#141-7/12/09):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq il-Mintba kantuniera ma' Triq il-Miklem Malti man-naħa tax-xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.26 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#142-7/12/09) :**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq Patri Wistin Born (il-parti fejn tidjieq it-triq) ma' Triq il-Vjola man-naħa tax-xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.27 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#143-7/12/09) :**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn mingħajr pole fi Triq Patri Wistin Born kantuniera ma' Triq in-Nadur man-naħa tax-Xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

2.28 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#144-7/12/09):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella 'tarmix żibel hawn' fi Triq il-Qawwara kantuniera ma' Triq Patri Wistin Born man-naħa tal-lemin".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

2.29 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#145-7/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn mingħajr pole fi Triq l-Imriekeb kantuniera ma' Triq Patri Wistin Born man-naħa tax-xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.30 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#146-7/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn mingħajr pole fi Triq il-Qaliet kantuniera ma' Triq il-Kappara man-naħa tax-xellug".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.31 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#147-7/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq l-Aħmar kantuniera ma' Triq il-Kannella man-naħa tal-lemin".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.31 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#148-7/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq iċ-Ċrieki kantuniera ma' Triq id-Dugħ man-naħa tal-lemin".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.32 **<u>Mozzjoni mressqa mill--Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#149-7/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella tarmix żibel hawn bil-pole fi Triq id-Daħla ta' San Tumas".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata.

2.33 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#150-7/12/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex jsiru l-linji tal-parkeġġ fi Triq in-Nadur".*

Il-Kunsill approva unanimament.

- ***Is-Sindku talab is-sospensjoni ta' l-aġenda biex jgħaddu affarijiet urgenti***

***Sar qbil unanimu għas-sospensjoni***

3.0 ***<u>Performance Bonus :</u>***

Is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid hekk :

*"Jippropona sabiex jingħata il-performance bonus lis-Sinjura Claudine Fenech, lis-Sinjura Rebecca Micallef, lis-Sinjura Lucille Bonnici u lis-Sinjura Sharon Schembri".*

Il-Kunsill approva unanimament sabiex jingħatalhom il-*full performace bonus* ta' 6%.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri li tgħid hekk :

*“Jippropona sabiex lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana ma jieħux iktar mill-minimu ta’ 5% performance bonus wara dak li ġara”.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex il-mozzjoni tiġi emendata u jitniżżlu l-ismijiet tal-votanti

EMENDA : *“Ma jieħux il-massimu u lanqas il-minimu, iżda jieħu 7% għaliex kien hemm żmien fil-passat fejn ħa l-massimu u dan kien fl-1 ta’ April 2009”.*

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud issekonda l-emenda

FAVUR :
Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

KONTRA :
Is-Sindku
Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri
Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri
Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett

Il-Vot ġie 2(tnejn) FAVUR u 6(sitta) KONTRA. Għaldaqstant din l-emenda m’għaddietx.

Peress li l’emenda m’għaddietx ittieħed vot fuq il-mozzjoni oriġinali proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri.

*“Jippropona sabiex lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana ma jieħux iktar mill-minimu ta’ 5% performance bonus wara dak li ġara”.*

KONTRA :
Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud

FAVUR :
Is-Sindku
Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri
Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri
Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett

ASTJENA :
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Il-Vot ġie 1(wieħed) KONTRA, 6(sitta) FAVUR u 1(wieħed) ASTJENA.

Għaldaqstant għaddiet il-mozzjoni kif kienet oriġinali.

4.0 ***Komunikazzjonijiet:***

4.1 **Douzelage – Susice (35/4944/09/I):**

Is-Sindku qal li wasal iż-żmien għad-Douzelage. Is-Sindku kompla jgħid illi hu, il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ser imorru ġewwa Suisce fir-Repubblika Ċeka għall-laqgħa ġenerali li ssir ta' kull sena f'pajjiżi differenti.

Sar qbil unanimu sabiex noħorġu ċ-ċekk tat-titjiriet. L-ispejjeż l-oħra reletati għandhom jiġu ċċekjati.

4.2 **Youth Project – Jundenberg (35/4131/09/I):**

Is-Sindku spjega il-*youth project*, hu qal li aħna xtaqna ntellgħu tmien t'itfal pero l-organizzaturi qallulna li jistgħu jitilgħu żewġ subien, żewġt ibniet u *helper* biss.

Is-Sindku qal li ftiehem magħhom li ser intellgħu erba subien u jitla l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri magħhom.

4.3 **European Mini Parliament – Bellagio 8-11 April 2010 (35/2060/10/I):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne spjegat li ġejna magħżula sabiex nibgħatu tlett itfal bniet bejn l-eta` ta' 11 u 14 il-sena mill-Iskola Primarja tal-lokal. Peress illi fl-iskola tagħna m'għandiex tfal ta' din l-eta` allura ser jintagħżlu tlett tfajliet mill-iskola taż-Żejtun u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ser jitlgħa magħhom peress illi huwa għalliem f'din l-iskola stess.

4.4 **Patt tas-Sindki (35-0325/10/I):**

Is-Sindku kkomunika li ħriġna rikjesta għal-kwotazzjonijiet tas-SEAP u l-kwotazzjonijiet kienu għalqu u se jiġu diskussi fis-seduta li jmiss.

4.5 **Fondi mill-Unjoni Ewropea:**

Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera li ma kienux preżenti għal-laqgħa li kellu nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2010, ma persuna li għanda esperjenza kbira rigward kif wieħed għandku japplika biex iġib fondi mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill qabel sabiex noħorġu *tender* għal-konsulenza.

4.6 **Grupp mis-Slovakia (35/0301/10/I):**

Is-Sindku qal li kienu ġejjin delegazzjoni minn Franza iżda minħabba li beżaw mis-*swine flu* kienu ħassru kollox. Hu kompla jgħid illi peress li għandna l-flus u biex ma nitilfugħomx ġejjin grupp mis-Slovakia fej ser jieħdu sehem fil-Karnival.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne qalet li se napplikaw lid-Dipartiment tal-Kultura biex jagħtuna €50 għal kull parteċipazzjoni li ser jieħdu sehem fiha dan il-grupp.

4.7 **Finacial Statments u Budget :**

Is-Sindku kkomunika illi fis-seduta li jmiss ser ngħamlu l-aħjar li nistgħu sabiex nippreżentaw il-*financial statments* u l-*budget* għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.8 **Suisse Samba Band:**

Is-Sindku spjega illi għall-Karnival ġejjien is-Suisse Samba Band li ser iġibhom is-Sur Castillo. Dawn ser ikunu sponsorjata mis-Sur Anton Schembri ta' A.Schembri Barbross li huwa l-kuntrattur li se jgħamel il-patching bil-*hot asphalt* urġenti fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

4.9 **ELC – Siġar u Kontijiet pendenti:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mhux kull siġra taqa taħt it-*tender* ta' l-ELC, huwa kompla jispjega l-ispeċifikazzjonijiet tal-Kuntrattur.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrefera wkoll għall-kont li hemm pendenti, fejn l-istaff kienu ċċekjaw miegħu peress li jqum €5000 u spjega li kienu ntbgħatu n-nies tal-proġetti. Dan il-kont għadu pendenti.

Is-Sindku qal li huwa mportanti li ssir laqgħa ma l-ELC fil-preżenza tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u jingħataw id-dettalji kollha sabiex ikun hemm ko-odinazzjoni tajba bejn il-Kunsill u l-kuntrattur.

4.10 **TV Slot (35/0330/10/I) :**

Ġiet preżentata ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar slot ta' 15 il-minuta ta' €200. Is-Sindki jistgħu jattendu fuq it-TVM. L-ewwel 20 Kunsill Lokali li jisotomentti l-applikazzjoni jiġi aċċettat.

Il-Kunsill qabel unanimament li japplika.

4.11 **Flooring għall-Iskola Primarja:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi fis-sajf kienet għaddiet mozzjoni sabiex isir *flooring* għal-iskola ta' $25m^2$.

Ser jiġi iċċekjat biex dan il-*flooring* jintbagħat l-iskola fl-iqsar żmien possibli.

4.12 **Sleeping Policeman :**

Is-Sindku qal li hemm xi *sleeping policeman* fil-garaxx tal-Kunsill. Minn dawn għandhom jitwaħħlu tnejn qabel ma tidħol fil-parkeġġ tal-Bajja San Tumas.

4.13 **Korsijiet tal-Krafts :**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ħabret illi ser nerġgħu nifħu l-applikazzjonijiet għal-korsijiet tal-krafts.

4.15 **Awards mill-Kumpanija TCTC:**

Il-Kunsilliera ġew notifikati li l-Kunsill kien ħa xi awards mingħand it-TCTC.

4.16 **Klieb għal-Karnival :**

Isemma ukoll li fil-kompetizzjoni tal-Karnival ser ikun hemm sezzjoni għal min illibbes il-klieb għall-karnival.

4.17 **Xiri ta' Cupboard :**

Ġie innutat illi għandu bżonn jinxtara *cupboard* żgħir għal kamra ta' fuq nett għal *files*.

4.18 **Applikazzjonijiet għal-Korsijiet :**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa illa meta fil-preżent ma jkunx hemm korsijiet għaddejjin, għandna xorta nieħdu l-informazjoni tar-resident meta jistaqsuna minħabba il-korsijiet li jkun ħa jkollu il-Kunsill fil-futur.

4.19 **P.R.O - Is-Sur Alfred Debono :**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sur Alfred Debono ilu dawn l-aħħar snin jgħamel xogħol bla waqfin l-attivitajiet tal-Kunsill.

Għaldaqstant sar qbil unanimu illi s-Sur Alfred Debono jinħatar bħal P.R.O u minn din is-sena jibda jingħata €40 fix-xahar bħala rifużjoni ta' l-ispjjeż.

4.20 **Devoluzzjoni Ġnien Sant'Anna :**

Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera illi d-devoluzzjoni li ngħata l-Kunsill kienet għal post fejn ħa jinbena il-Kunsill biss, iżda s-Sindku reġgħa talab sabiex id-devoluzzjoni issir għall-ġnien kollu kif oriġinarjament intqal fid-diskussjoni li kien hemm mas-Segretarju Ġenerali Dr. Jason Azzopardi fil-preżenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne.

4.21 **Science in the Community (35/4891/09/I) :**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camileri spjega il-korrispondenza li rċevejna mingħand l-MSCT rigward l-attivita` li ser ssir matul din is-sena, ġewwa sitt lokalitajiet differenti. Kompla jispjega illi aħna applikajna sabiex nieħdu sehem f'din l-attivita` u l-Kunsill tagħna ġie aċċettat. Il-Kunsill qabel u propona sabiex din l-attivita` ssir f'Ġimgħa Marsaskala. L-ewwel attivita` ser tibda fi Frar.

4.22 **Memo 90/2009 – Skema ta' Fondi Speċjali 2010(35/0003/10/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li paragrafu 6 ta' din il-memo huwa fuq fondi għal-skema ta' finanzjament għal enerġija nadifa. Dan huwa proġett ta' *photo voltaic cells* fejn issemmew tlett postijiet fejn huma ssuġġeriti li jsir dan il-proġett, dawn huma Ġnien Antoine Randich, Latrina ta' Triq iż-Żonqor u l-Librerija Pubblika. Din is-sistema l-ġdida ser tiġġenera approssimament 6 *units* kulljum u l-istima ta' dan il-proġett ser tiswa bejn wieħed u ieħor €4800 il-waħda.

L-applikazzjoni għal dawn il-fondi għanda tinbgħat kemm jistgħa jkun malajr sabiex isir dan il-proġett. Il-postijiet fejn għandhom isir dan il-*photo voltaic cells* huwa, waħda fuq is-saqaf tal-librerija, waħda fuq il-ġibjun u l-oħra fuq fuq l-latrina ta' Triq iż-Żonqor.

Jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa għandu jinħaraġ *tender* għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega lill-Kunsill li diġa kellu laqgħat ma' żewġ barranin li jagħmlu xogħol ta' *photo voltaic cells* u ser jagħtuna *samples* b'xejn biex jitwaħħlu f'postijiet pubbliċi.

4.23 **Applikazzjonijiet lill-U.I.F:**

- Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti illi issa li għandna l-permess mill-MEPA u diġa bagħtna lill-U.I.F rigward il-proġett tal-ġnien fi Triq tal-Ħamrija għandna noħorġu *tender* ħalli nibdew dan il-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jistgħu jidħlu *underground brin in sites.*

- Is-Sindku qal ukoll sabiex napplikaw għal fondi tal-U.I.F għar-*relocation* ta' San Spiridione. Il-Kunsill għandu l-approvazzjoni tar-*recoup*.

- Ġie deċiż ukoll sabiex Sqaq San Gwakkin isir bil-*crete print* u napplikaw għal-fondi tal-U.I.F.

- Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-permess tal-Bandli ta' San Tumas għandu jiġi deċiż mill-MEPA fit-2 ta' Frar 2010.

- Is-Sindku kompla jgħid illi l-U.I.F ma laqgħux it-talba tagħna sabiex jagħtuna l-fondi ħalli nirrenġaw il-bankina mkissra ta' Triq La Sengle peress li r-ritratti li ttieħdu kienu tal-bankina t-tajba u b'hekk saret applikazjoni mill-ġdid tal-parti t'isfel.

4.24 **<u>Fishing Festival:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li kien iltaqgħa mas-Sur Charles Caruana rigward il-*fishing festival* li għandu jsir fil-11 ta' Settembru 2010. Dan il-*festival* jikkonsisti f'*marathona* ta' xi 700 sajjied li ser jkunu maqsumin fi gruppi ta' 7. Dawn ser jkunu mifruxa madwar il-kosta ta' Marsaskala minn fejn l-ex pixxina sa fejn l-ex Jerma Palace Hotel.

Il-ħlas tal-parteċipazjoni ser jkun ta' €5 u l-flus li jinġabru ser jmorru kollha għal *Puttinu Cares.*

Triq ix-Xatt ser tingħalaq għal din l-attivita`, fejn ħa jkun hemm xi erbgħa baned jdoqqu matul din l-attivita`.

4.25 **<u>Laqgħa Annwali :</u>**

Is-Sindku qal illi din is-sena il-laqgħa annwali ser issir fi Frar minħabba illi s-sena finanzjarja tal-Kunsill saret minn Jannar sa Diċembru. Il-Kunsilliera għandhom jissotomettu rapport ta' ħidma kemm jista` jkun malajr.

4.26 **<u>Sotto Kumitat :</u>**

Is-Sindku qal illi is-Sur Wally Casingena ser jkun membru fis-sottokumitat tar-rivista ħalli jgħati s-sehem tiegħu f'dan is-sotto kumitat. Għandha tinbgħat ittra uffiċjali.

4.27 **<u>Futbol Klabb :</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-futbol klabb illi issa għandu l-arma, qiegħed fil-proċess illi jiġi reġistrat mal-MFA. Meta dan il-klabb jifforma allura s-sotto kumitat jiġi terminat.

Kompla billi jgħid illi hemm possibilita` li nġibu *5-a-side futbol pitch* fil-grawnds ta' l-Iskola Primarja.

4.28 **<u>Bejjiegħa tal-ħut :</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandna niktbu lill-Pulizija sabiex ninfurmawhom bil-ħmieġ li qedgħin iħallu warajhom dawn il-bejjiegħa fissi li jkunu fuq il-promenade.

4.29 **<u>Memo 15/2010 – Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali (35/0314/10/I) :</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li ser jgħaddi l-informazzjoni lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħalli nieħdu l-fondi bħal ma għamilna is-sena li għaddiet.

4.30 **<u>Żewġ tenders nieqsa tas-Supply and Installation of Bins and Benches KLM2009/06:</u>**

Is-Sindku beda biex jispjega s-sitwazzjoni li nqalgħet nhar l-20 ta' Jannar 2010. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien qiegħed jiprepara l-affarijiet għal-laqgħa tal-Kunsill. Waħda mill-iskrivani kienet qiegħda tispjegalu fuq il-lista tat-*tenders* li kellhom jitressqu fl-istess laqgħa. Hawnhekk huwa nduna illi kien hemm żewġ tenders nieqsa.

Saret tfittxija ġol-uffiċċju pero` l-kuntratt taż-żewġ *tender* ma nsatbux, dawn kienu illistjati numru 3 u 10. Fil-pront l-Aġent Segretarju Eżekutiv informa lis-Sindku bis-sitwazjoni fejn huwa ssuġerilu sabiex jikkomunika ma l-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana għaliex hu ma kienx jaf bijhom. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ċempel lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana fejn qallu sabiex iċempel lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar. Waħda mill-iskrivani ċemplet lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u ġie vverifikat li t-tenders kienu għandu u talbitu sabiex jirritorna dawn it-*tenders*. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irritorna dawn it-*tenders* l-għada.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid li huwa kien ħa d-dokumenti wara li kien ra lill-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett jagħti lura xi katalgi lill-ex Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett rrisponda li kien wera nteress u kien bagħat e mail għad-dettalji jumejn qabel is-seduta lis-Segretarju Eżekuttiv. L-ex Segretarju Eżekuttiv kien tah xi katalgi oriġinali li kien irritorna lura qabel il-laqgħa iżda dawn kienu biss xi ftit katalgi. Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett żied jgħid li huwa talab għal kopji u fl-envelopes sab xi uħud mill-katalogi oriġinali.

Is-Sindku qara lill-Kunsilliera preżenti l-*email* li kien bagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jinformah b'dan u wara qara l-ittra ta direzzjoni li bagħat id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Intalbet spjegazjoni mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar fejn l-istess Kunsillier spjega illi meta kienet inbgħatet it-*tender schedule* huwa, wara li kien għamel analażi dettaljata kien induna li kien hemm żball fil-*legend* għax it-*tender* kien ħareġ għal 8 *singles* u 21 doppju. Huwa wera l-interess u kien nforma b'dan lil xi ħadd mill-amministrazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qabad l-orħos erbgħa offerenti u għamel il-*workings* tiegħu. Huwa talab aktar dettalji lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana fejn dan tah l-oriġinali minn ġo l-*envelopes* ta' l-orħos żewġ offerenti. Huwa kompla jispjega illi fil-fatt ma ħax il-garanzija bankarija ta' waħda mill-offerenti għax kienet *loose*.

Huwa kien induna illi kien hemm kuntratturi illi ma kellhomx double benches u ittenderjaw b'żewġ single minflok.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar iddikjara illi huwa ma kien ċempel lil ħadd mit-*tenderer*s għaliex ma ridtx li javviċina *tenderer* qabel id-deċiżjoni tal-Kunsill

Il-Kunsilliera qablu illi min-naħa tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kienet ħaġa ġenwiena, u kull ma għamel kien li ħa l-interess fit-*tender*, u prova ta' din il-ġenwinita` kienet it-*tender of schedule* li kien għamel hu stess. Kien hemm qbil unanimu li n-nuqqas kien min-naħa ta' ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana.

- ***Il-laqgħa ntemmet u s-seduta li jmiss ġiet aġġornata għal 4 ta' Frar 2010.***

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |